

Brussell, 19 ta' Lulju 2023  
(OR. en)

12048/23

RECH 362  
COMPET 778  
IND 408  
MI 646  
EDUC 324  
TELECOM 234  
ENER 453  
ENV 880  
AGRI 416  
TRANS 320  
SAN 466

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 457 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Missjonijiet tal-UE sentejn wara: valutazzjoni tal-progress u t-triq 'il quddiem

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 457 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 457 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.7.2023  
COM(2023) 457 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Missjonijiet tal-UE sentejn wara: valutazzjoni tal-progress u t-triq 'il quddiem**

{SWD(2023) 260 final}

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL- KUMITAT TAR-REĠJUNI

## Missjonijiet tal-UE sentejn wara: valutazzjoni tal-progress u t-triq 'il quddiem

### 1. STRUMENT ĠDID FL-ORIZZONT EWROPA

L-UE qed tiffaċċja sfidi bla preċedent, f'kuntest ta' bidla rapida u ta' multiplikazzjoni tat-theddid iżda wkoll tal-opportunitajiet. Hemm hteġa urġenti għal soluzzjonijiet innovattivi għal dawn l-isfidi, li jinkludu l-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, l-impatti tat-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali, l-emerġenzi tas-saħħa, il-pressjonijiet demografiċi, u inugwaljanzi dejjem akbar. Il-kapaċità tal-UE li tindirizzahom se ssawwar il-futur kollettiv tagħna, iżda wkoll il-perċezzjonijiet tal-effettività tas-sistema demokratika tagħna u tal-valuri tagħha.

**Il-politika pubblika bbażata fuq Missjoni hija approċċ ġdid u promettenti biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà.** Dan jinvolvi l-istabbiliment ta' għanijiet ambizzjużi u speċifiċi iżda li jistgħu jintlaħqu u t-tmexxija tar-riżorsi pubbliċi u privati, tal-isforzi fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I), u tal-involviment pubbliku biex dawn jintlaħqu fi żmien speċifikat. L-approċċ tnieda fl-Orizzont Ewropa<sup>1</sup>, il-programm ta' finanzjament tal-UE għar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I), bħala parti mis-sett ta' strumenti estiż tiegħu.

**Il-Missjonijiet tal-UE jikkomplementaw u jibnu fuq ir-R&I konvenzjonali b'diversi modi uniċi.** Dawn għandhom l-għan li jiksibu eżiti soċjetali konkreti u tanġibbli, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-istrumenti l-oħra huma mmirati lejn impatti xjentifiċi u/jew ekonomiċi. Minbarra li jipprovdu appoġġ finanzjarju għar-R&I, huma jikkoordinaw ukoll ma' aspetti regolatorji u ta' politika rilevanti. Dawn għandhom perjodi ta' żmien itwal u li jistgħu jiġu ddeterminati li madankollu huma fissi. Dan jiffoka l-isforzi u jiskatta għaġla lejn it-tmiem. Huma jiffokaw b'mod qawwi fuq l-involviment taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati mill-bidu, u jagħmlu l-aċċettazzjoni tat-teknoloġija u l-inklużività parti integrali mill-mudell. Għalkemm għandhom l-għerqu fir-R&I, dawn imorru lil hinn mir-riċerka bażika u applikata biex jieħdu approċċ wiesa' għall-innovazzjoni (inkluż dak soċjali u organizzazzjonali) u jivvalorizzaw l-għarfien eżistenti, filwaqt li jgħaqqdu flimkien il-firxa sħiħa ta' attivitajiet tal-Orizzont Ewropa. Il-Missjonijiet ma jippreskrivux il-mezzi biex jilhqnu l-oġettivi tagħhom, u dan jagħmilhom transdixiplinari skont id-disinn, li jeħtieġu approċċ tal-portafoll li joħloq sinerġiji u komplementarjetajiet fl-iżvilupp u fil-varar ta' soluzzjonijiet.

**Orizzont Ewropa identifika ħames Oqsma tal-Missjoni fejn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati b'mod effettiv f'approċċ ibbażat fuq il-missjoni.** Dawn l-Oqsma huma: L-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, inkluża t-Trasformazzjoni Soċjetali; il-Kanċer; l-Oċeani, l-

---

<sup>1</sup> Ara r-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa, il-Premessa 2.

Ibħra, l-Ilmijiet Kostali u Interni f'Saħħithom; il-Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti; u s-Saħħa tal-Ħamrija u l-Ikel. Sa issa, il-Kummissjoni nediet ħames Missjonijiet tal-UE<sup>2</sup>, abbażi ta' rapporti minn Bords tal-Missjoni dedikati li vvalutaw il-maturità tal-innovazzjoni teknoloġika u soċjali f'dawn l-oqsma. Għal kull Missjoni, ġew abbozzati Pjanijiet dettaljati ta' Implimentazzjoni tal-Missjoni, bl-użu tal-kriterji tal-Missjoni tal-bażi ġuridika ta' Orizzont Ewropa bħala punt tat-tluq.

**Ir-Regolament Orizzont Ewropa<sup>3</sup> jeħtieġ valutazzjoni tal-Missjonijiet tal-UE mhux aktar tard mill-2023.** Din il-valutazzjoni hija waħda kemm mill-Missjonijiet individwali kif ukoll mill-istrument tal-Missjonijiet bħala tali, u rieżami tal-Oqsma tal-Missjoni. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal (SWD) li jakkumpanja din il-Komunikazzjoni jippreżenta r-riżultati ta' din il-valutazzjoni u jipprovdi "awtovalutazzjonijiet" għal kull Missjoni organizzata madwar il-kriterji li ġejjin:

- Għan ambizzjuż iżda realistiku tal-Missjoni;
- Valur miżjud;
- Kontenut ta' R&I;
- L-iżgurar li l-implimentazzjoni tkun fattibbli, tista' titkejjel, u marbuta biż-żmien;
- L-iżgurar ta' aċċettazzjoni jew ftehim;
- Baġit;
- Involvement taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati;
- Progress, kisbiet u stadji importanti.

Il-valutazzjoni tal-proċess tal-għażla identifikat ukoll lakuni u wasslet għal riflessjonijiet dwar il-possibbiltà tat-tnedija ta' Missjonijiet addizzjonali fil-ħames Oqsma. Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi s-sejbiet prinċipali ta' valutazzjoni bir-reqqa tal-Missjonijiet tal-UE u tfassal it-triq 'il quddiem għal dan l-istrument.

## **2. IL-KISBIET EWLENIN SA ISSA**

**Inqas minn sentejn wara l-implimentazzjoni, il-ħames Missjonijiet kurrenti tal-UE wrew individwalment u kollettivament il-potenzjal tagħhom.** Din it-taqsimha ttiprovdi ħarsa ġenerali lejn il-kisbiet prinċipali identifikati fil-valutazzjoni għal kull waħda mill-ħames Missjonijiet kurrenti, kif ukoll valutazzjoni ġenerali tat-tagħlimiet pożittivi meħuda. It-taqsimha li jmiss tiffoka fuq il-limitazzjonijiet identifikati u tipproponi azzjonijiet biex tindirizzahom u tkompli tiżviluppa u ttejjeb l-istrument tal-Missjonijiet fis-snin li ġejjin.

### **2.1. L-Adattament għat-Tibdil fil-Klima**

Il-Missjoni għandha l-għan li **tappoġġa mill-inqas 150 reġjun Ewropew biex isiru reżiljenti għall-klima sal-2030.** Il-Missjoni għet żviluppata b'mod parallel mal-Istrateġija ta'

---

2 COM (2021) 609 final.

3 L-Artikolu 8(5) u 11 tar-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jstabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jstabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013, ĠU L 170, 12.5.2021.

Adattament tal-UE<sup>4</sup> u hija marbuta mal-għan tal-Istrateġija ta' Ewropa reżiljenti għall-klima sal-2050. Hija mfassla biex tgħin biex jitħaffef l-adattament għat-tibdil fil-klima u tinstiga t-tibdil trasformattiv fl-Ewropa, u tikkontribwixxi għal tfassil ta' politika aktar sistemiku bbażat fuq l-aħħar għarfien, teknoloġiji u *data* ġġenerati mir-R&I.

B'mod aktar speċifiku, qed tgħin lir-reġjuni u lill-awtoritajiet lokali billi tipprovdi appoġġ dirett u billi tiffaċilita l-aċċess għall-għarfien fi tliet oqsma: 1) biex jifhmu aħjar ir-**riskji klimatiċi** li huma esposti għalihom jew li se jkunu esposti għalihom; 2) biex jiddefinixxu **mogħdijiet għar-reżiljenza klimatika għal mill-inqas 150 reġjun** billi jsir esperiment b'futuri differenti; u 3) biex tinbena r-**reżiljenza b'mill-inqas 75 proġett ta' dimostrazzjoni fuq skala kbira**.

Mit-tnedija tal-Missjoni f'Settembru 2021, **308 awtoritajiet reġjonali u lokali** ffirmaw il-**Karta tal-Missjoni**, li turi impenn politiku ċar għal ħidma lejn l-oġettivi tal-Missjoni. F'Jannar 2023 tnedew il-**Pjattaforma tal-Implimentazzjoni tal-Missjoni**, li tipprovdi assistenza teknika lir-reġjuni, u l-**komunità ta' Prattika tal-Missjoni**. Flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), il-Missjoni bdiet tilħaq lir-reġjuni biex **tidentifika sensiela ta' proġetti ta' adattament bankabbli**. F'kollaborazzjoni mad-DĠ JRC u l-KKI dwar il-Klima tal-EIT, qed jiġu żviluppanti **mogħdijiet ta' innovazzjoni għall-adattament**, li jibnu fuq speċjalizzazzjoni intelliġenti u s-sħubijiet għall-innovazzjoni reġjonali.

L-ewwel **proġetti tal-Missjoni ta' Orizzont Ewropa** qed jgħinu lill-awtoritajiet reġjonali u lokali jwettqu valutazzjonijiet tar-riskju klimatiku u tal-vulnerabbiltà, juru **soluzzjonijiet innovattivi** (bħal **binjiet reżistenti għall-għargħar, għelejjel aktar reżistenti għan-nixfa, u prodotti innovattivi tal-assigurazzjoni**) jew jappoġġawhom b'għodod biex jinvolvu liċ-ċittadini tagħhom b'mod parteċipattiv. Għall-proġetti ta' dimostrazzjoni li jissodisfaw il-kriterji tal-għażla iżda li ma jistgħux jingħataw prijorità, jingħata **Siġill ta' Eċċellenza** biex jiffaċilita l-adozzjoni tagħhom minn programmi ta' finanzjament oħrajn.

## 2.2. Il-Kanċer

Il-Missjoni dwar il-Kanċer stabbiliet l-għan ġenerali ta' **titjib tal-ħajja ta' aktar minn 3 miljun ruħ sal-2030**, permezz tal-prevenzjoni, tal-kura u għal dawk affettwati mill-kanċer inklużi l-familji tagħhom, biex jgħixu ħajja itwal u aħjar. Il-Missjoni tiffoka fuq erba' oġettivi speċifiċi: (1) tipprovdi fehim aħjar tal-kanċer, (2) iżżid il-prevenzjoni, inkluż permezz tal-iskrinjar u d-detezzjoni bikrija, (3) ittejjeb id-dijanjożi u t-trattament, u (4) iżżid il-kwalità tal-ħajja għall-pazjenti u għall-familji tagħhom.

Il-Missjoni dwar il-Kanċer hija komponent ewlieni tal-investment tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni dwar il-kanċer li hija essenzjali għat-tweqqif b'suċċess tal-Pjan dwar il-Kanċer u ħafna mill-azzjonijiet ewlenin tiegħu, bħala parti minn Unjoni Ewropea tas-Saħħa b'saħħitha. Sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tal-politiki tar-R&I u tas-saħħa, il-Missjoni dwar il-Kanċer u l-**Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer**<sup>5</sup> ġew żviluppanti b'mod konġunt mill-

---

4 COM(2021) 82 final.

5 COM/2021/44 final

bidu nett. L-objettivi tagħhom huma allinjati, intlaħaq qbil dwar inizjattivi ewlenin komplementari, u ġiet stabbilita governanza konġunta.

Fil-livell tal-UE, il-Missjoni dwar il-Kanċer u l-Pjan dwar il-Kanċer rawmu **djalogu ġdid mal-Istati Membri** dwar il-kanċer u laqqgħu flimkien lill-ministeri tas-saħħa u tar-riċerka biex jaħdmu flimkien f'**sottogrupp konġunt dwar il-kanċer** tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Saħħa Pubblika<sup>6</sup>. Dan qed joħloq l-ambjent it-tajjeb sabiex l-evidenza tar-riċerka tinforma b'mod sistematiku l-iżvilupp tal-politika. Il-Missjoni dwar il-Kanċer iffaċilitat l-involviment bikri tal-Grupp ta' Esperti dwar is-Saħħa Pubblika li għen fit-tfassil tar-**Rakkomandazzjoni aġġornata tal-Kunsill dwar l-iskrinjar tal-kanċer**<sup>7</sup>, l-estensjoni tal-iskrinjar għall-kanċer tal-prostata, tal-pulmun, u tal-istonku lil hinn mill-kanċer tas-sider, kolorettali u ċervikali. Billi jirreplikaw dan l-approċċ integrat għall-politiki tas-saħħa u r-riċerka, iċ-**Ċentri Nazzjonali tal-Missjoni dwar il-Kanċer** li tnedew reċentement se jrawmu djalogi bejn il-politiki mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali dwar il-prevenzjoni u l-kontroll tal-kanċer.

Il-Missjoni qed taqdi rwol ewlieni biex tippermetti l-iżvilupp tal-**UNCAN.eu, ċentru Ewropew tad-data dwar il-kanċer**, biex tgħin lir-riċerkaturi janalizzaw id-*data* kkombinata tar-riċerka, tas-saħħa u *data* rilevanti oħra fuq skala mingħajr preċedent, u b'hekk tagħti spinta lir-robustezza tad-*data* u toħloq opportunitajiet ġodda ta' riċerka. Il-Missjoni qed tippermetti wkoll **inizjattivi oħra tal-UE**: hija tappoġġa iċ-**Ċentru Diġitali Ewropew għall-Pazjenti bil-Kanċer**, li se jippermetti lill-pazjenti jikkondividu d-*data* tagħhom u "jinnavigaw" aħjar is-sistemi tas-saħħa, issarraf l-Ispazju Ewropew tad-*Data* dwar is-Saħħa futur f'benefiċċji tanġibbli għar-riċerkaturi u għaċ-ċittadini. Barra minn hekk, tnedja **djalogu mas-superstiti żgħażaġh tal-kanċer**, li jagħtihom spazju biex jikkondividu l-esperjenza tagħhom, jesprimu l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, u b'mod konġunt joħolqu inizjattivi li se jgħinuhom jindirizzawhom.

### 2.3. Nirrestawraw l-Oċeani u l-Ilmijiet Tagħna sal-2030

L-għan tal-Missjoni huwa li **l-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar u tal-ilma ħelu jiġu rikonċiljati mal-pressjonijiet dejjem jżidiedu fuq ir-riżorsi akkwatiċi**. Il-Missjoni tikkontribwixxi direttament biex l-UE ssir minn ta' quddiem fit-tranżizzjoni għal ekonomija blu sostenibbli u ċirkolari u biex tmexxi l-mewġa l-ġdida ta' innovazzjonijiet li din it-tranżizzjoni teħtieġ.

Bħala inizjattiva inklużiva, sistemika u trasformattiva li tiġbor flimkien l-isforzi eżistenti fil-livelli tal-UE, nazzjonali u reġjonali, il-Missjoni tikkontribwixxi biex **jingħelbu oqfsa ta' governanza frammentati** u tappoġġa **leġislazzjoni u politiki ewlenin tal-UE**<sup>8</sup> fl-oqfsa tal-baħar, marittimi u tal-ilma ħelu kif ukoll f'oqfsa relatati.

---

6 [https://health.ec.europa.eu/latest-updates/commission-expert-group-public-health-2022-12-08\\_en](https://health.ec.europa.eu/latest-updates/commission-expert-group-public-health-2022-12-08_en)

7 <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2022/12/09/council-updates-its-recommendation-to-screen-for-cancer/>

8 Bħall-proposta tal-Liġi dwar ir-Restawr tan-Natura, l-Istrateġija dwar ir-Regġuni Ultraperiferiċi, l-Istrateġija dwar l-Artiku, l-Istrateġija dwar l-Algi, il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti.

Il-Missjoni stabbiliet erba' **"fanali" tal-Missjoni**<sup>9</sup> f'baċiri ewlenin Ewropej tal-baħar u tax-xmajjar bħala siti biex **jigū ppilotati, murija u varati fuq skala kbira** s-soluzzjonijiet meħtieġa, u jagħmluhom disponibbli għal aktar minn 100 reġjun assoċjat Ewropew. Aktar minn 480 azzjoni ġew imwiegħda skont il-Karta tal-Missjoni, u b'hekk ġie mmobilizzat total ta' EUR 3,72 biljun<sup>10</sup>. Bl-approvazzjoni tal-Karta, l-Istati Membri, ir-reġjuni, l-awtoritajiet lokali, is-sħab internazzjonali<sup>11</sup> u ħafna partijiet ikkonċernati differenti qed **jesprimu appoġġ politiku qawwi, jieħdu miżuri konkreti u jimmobilizzaw azzjonijiet u riżorsi minn isfel għal fuq**. Qed jigū stabbiliti **komunitajiet ewlenin ta' atturi** (eż. portijiet, sidien tal-flotot, bliet kostali, gżejjer, komunitajiet tas-sajd u tal-konservazzjoni) taħt il-fanali tal-Missjoni biex jiġbru flimkien bliet kostali, gżejjer, komunitajiet tas-sajd u tal-konservazzjoni, portijiet, u sidien tal-flotot. Tnediet **Pjattaforma ta' Implimentazzjoni** biex tipprovdri appoġġ lill-partijiet ikkonċernati impenjati biex jimplementaw il-Missjoni.

Mod wieħed kif jintlaħqu l-partijiet ikkonċernati huwa **t-Tewmi Diġitali Ewropew tal-Oċean** li se jkun operazzjonali fl-2024. Dan jagħmel l-għarfien dwar l-oċeani disponibbli faċilment għaċ-ċittadini, għall-impreduturi, għax-xjenzati u għal dawk li jfasslu l-politika, u b'hekk jippermetti tbassir u deċiżjonijiet infurmati. Il-Missjoni qed timplimenta wkoll approċċi parteċipattivi u involviment taċ-ċittadini bħal azzjonijiet għaċ-ċittadini ta' għarfien dwar ix-xjenza u l-oċeani, impriżi mmexxija mill-komunità għat-trobbija tal-oċeani u kampanji favur konsum responsabbli tal-prodotti tal-baħar.

Il-Missjoni qed taġixxi bħala **katalista għal sinerġiji u komplementarjetajiet** fi programmi differenti tal-UE, nazzjonali u reġjonali, li diġà qed jiġbru fondi lil hinn mir-R&I, jiġifieri pjanijiet nazzjonali tal-FEMSA<sup>12</sup>, BlueInvest b'EUR 1,5 biljun f'finanzjament ta' riskju, Fondi ta' Rkupru u ta' Reżiljenza, Interreg u Copernicus.

#### **2.4. 100 Belt Newtrali għall-Klima u Intelliġenti sal-2030**

Iż-żewġ għanijiet tal-Missjoni huma li tnejni **100 Belt Newtrali għall-Klima u Intelliġenti sal-2030** u li tiżgura li dawn l-ibliet jaġixxu wkoll bħala ċentri ta' esperimentazzjoni u ta' innovazzjoni sabiex iqiegħdu lill-**bliet Ewropej kollha f'pożizzjoni li jsiru newtrali għall-klima sal-2050**. L-interess fil-Missjoni kien b'saħħtu mill-bidu b'aktar minn 377 belt li applikaw biex jissieħbu fil-Missjoni.

Il-Missjoni ħolqot **komunità ta' bliet ambizzjużi**<sup>13</sup>. Appoġġat mill-**Pjattaforma tal-Missjoni**, il-bliet parteċipanti għandhom aċċess għal portal online li jippermettilhom jaħdmu fi gruppi, jiskambjaw l-esperjenza u jaċċessaw repożitorju tal-għarfien biex jaċċelleraw soluzzjonijiet newtrali għall-klima. Bħalissa, il-portal għandu aktar minn 1 400 utent attiv.

---

9 Dawn huma: il-fanal tal-baċir tal-Atlantiku u tal-Artiku; il-fanal tal-baċir tal-Baltiku u tal-Baħar tat-Tramuntana; il-fanal tal-baċir tal-Baħar Mediterran u l-fanal tal-baċir tax-Xmara Danubju.

10 Il-Karta tal-Missjoni dwar l-Oċeani u l-Ilmijiet hija qafas sempliċi, inklużiv u ta' ispirazzjoni, li jitlob azzjonijiet konkreti biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Missjoni. Hija miftuħa għal kwalunkwe parti ikkonċernata pubblika jew privata. L-azzjonijiet tal-Missjoni jkopru r-R&I, l-għarfien u d-*data*, l-involviment taċ-ċittadini, it-titjib/il-varar ta' soluzzjonijiet, l-edukazzjoni u t-taħriġ.

11 Id-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Unjoni għall-Mediterran, Ġunju 2022.

12 Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura

13 100 belt mill-Istati Membri u 12-il belt minn pajjiżi assoċjati ma' Orizzont 2020.

Il-Missjoni hija **inklużiva** u tinvolvi l-Istati Membri kollha tal-UE u tmien pajjiżi assoċjati. L-Istati Membri qed jiġu involuti b'mod sistematiku permezz ta' żjarat fil-pajjiżi u l-proġett CapaCITIES<sup>14</sup>, li jappoġġa n-networks nazzjonali u jikkonnettjahom ma' xulxin. Il-bliet kollha bdew joħlqu b'mod konġunt il-**Kuntratt tagħhom ta' Belt Klimatika** (CCC) mal-komunità u maċ-ċittadini lokali, appoġġati minn **Konsulenti ddedikati dwar il-Bliet**.

Il-**BEI** jappoġġa azzjonijiet tal-Missjoni inkluż sensibilizzazzjoni mmirata għall-bliet u kontribut għall-proċess ta' rieżami tas-CCC. Intgħażlu **53 belt pilota**<sup>15</sup> biex jirċievu għotjiet (bejn EUR 0,5 u EUR 1,5 miljun) biex jiġu żviluppanti soluzzjonijiet innovattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tranżizzjoni klimatika. 50 belt oħra dalwaqt se jibbenefikaw mill-ħidma li saret fil-proġetti pilota permezz ta' skambju ta' esperjenza u ta' mentoraġġ mal-bliet pilota.

Ir-riġenerazzjoni urbana tinsab fil-qalba ta' sejħa konġunta ta' Orizzont Ewropa organizzata bejn il-Missjoni tal-Bliet u l-Missjoni ta' Adattament għat-Tibdil fil-Klima. Azzjoni ddedikata ta' Orizzont Ewropa qed tagħmilha wkoll possibbli għall-bliet Ukreni li jiġu assoċjati mal-Missjoni. **Ġew stabbiliti sinerġiji ma' programmi u inizjattivi tal-UE**, inkluż il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC), il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Proġetti Integrati Strateġiċi tal-LIFE u l-Azzjonijiet Innovattivi Urbani<sup>16</sup>.

Ħafna Stati Membri jew reġjuni qed jirreferu għall-Missjoni tal-Bliet fil-programmi operazzjonali reġjonali tagħhom u ġew identifikati flussi ta' finanzjament ddedikati fil-livell nazzjonali pereżempju fil-Greċja u fi Spanja. Il-Missjoni għandha wkoll sejħa konġunta fil-programm ta' ħidma Orizzont Ewropa 2023-2024 bis-Sħubijiet għal mobbiltà mingħajr emissjonijiet (2Zero) u għal Mobbiltà Konnessa, Kooperattiva u Awtomatizzata (CCAM) b'baġit ikkombinat ta' EUR 50 miljun. Iċ-**Ċentru ta' Tranżizzjonijiet Urbani**,<sup>17</sup> jappoġġa l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni internazzjonali tal-Missjoni tal-Bliet u jorbot mal-Missjoni globali ta' Tranżizzjonijiet Urbani tal-Innovazzjoni tal-Missjoni.

## 2.5. Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa

Bl-għan tagħha li tistabbilixxi **100 Laboratorju Ħaj u Fanal sal-2030**, il-Missjoni għandha l-għan li tipprovdi soluzzjonijiet għall-ġestjoni sostenibbli u r-restawr tal-ħamrija f'żoni rurali u urbani. Madwar **60 % tal-ħamrija tal-UE titqies mhux sana**<sup>18</sup>, jiġifieri qed tiflew il-kapaċità tagħha li tappoġġa l-produzzjoni tal-ikel, il-bijodiversità u r-regolamentazzjoni taċ-ċikli tal-ilma, tan-nutrijenti u tal-karbonju. Flimkien mal-Istrateġija dwar il-Ħamrija għall-2030, il-proposta għal Direttiva dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija, u l-Osservatorju tal-Ħamrija tal-UE, il-Missjoni tiffurma parti minn qafas solidu għall-protezzjoni u r-restawr tal-ħamrija, kif rikonoxxut ukoll mill-Parlament Ewropew<sup>19</sup>.

---

14 <https://cordis.europa.eu/project/id/101056927>

15 <https://netzerocities.eu/wp-content/uploads/2023/03/Pilot-Cities-Announcement-Press-Release-Mar-2023-Final.pdf>

16 <https://www.urban-initiative.eu/innovative-actions-greening-cities>

17 [https://research-and-innovation.ec.europa.eu/news/all-research-and-innovation-news/local-action-global-impact-urban-transitions-mission-centre-starts-its-activities-2022-12-13\\_en](https://research-and-innovation.ec.europa.eu/news/all-research-and-innovation-news/local-action-global-impact-urban-transitions-mission-centre-starts-its-activities-2022-12-13_en)

18 <https://esdac.jrc.ec.europa.eu/esdacviewer/euso-dashboard/>

19 Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija (2021/2548(RSP)).

12-il **strateġija tal-Patt Ekoloġiku tal-UE, komunikazzjonijiet u pjanijiet ta' azzjoni identifikaw il-Missjoni bħala għodda** biex jintlaħqu l-ambizzjonijiet ta' politika tagħhom<sup>20</sup>. **Il-Missjoni tirċievi appoġġ minn sorsi bħall-Programm LIFE u l-Impriża Konġunta Ewropea tal-Bijekonomija Ċirkolari<sup>21</sup>, PRIMA<sup>22</sup> u l-EIC.** Bil-promozzjoni tal-edukazzjoni dwar il-ħamrija, il-Missjoni qed tappoġġa s-**Sena Ewropea tal-Ħiliet**. Sabiex jiġu sfruttati riżorsi finanzjarji addizzjonali, **il-BEI** qed jiżviluppa riżerva ta' investimenti fil-ħamrija fuq skala kbira b'rabta ma' InvestEU.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri rrapportaw aktar minn 200 attività komplementari b'appoġġ għall-oġettivi tal-Missjoni. **Il-Missjoni hija integrata fi 18 minn 28 Pjan Strateġiku tal-Istati Membri taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK)<sup>23</sup>,** biex b'hekk qed jinħolqu rabtiet bejn l-innovazzjonijiet fil-ġestjoni tal-ħamrija, fil-prattiki tal-biedja u fl-allokkazzjoni tal-fondi tal-PAK. Dawn is-sinerġiji se jippermettu l-varar u r-replikazzjoni ta' soluzzjonijiet żviluppati taħt il-Missjoni f'aktar minn **1 000 sit ta' ttestjar addizzjonali**. Taħt il-Missjoni, l-awtoritajiet reġjonali u lokali qed jiżviluppaw **Ftehimiet Territorjali dwar il-Ġestjoni tal-Ħamrija għas-saħħa tal-ħamrija**. Il-Pjattaforma tal-Missjoni dwar il-Ħamrija<sup>24</sup> taġixxi bħala punt uniku ta' servizz għall-informazzjoni u l-involvement fl-attivitajiet tal-Missjoni.

Il-Missjoni qed tavvanza l-monitoraġġ armonizzat tal-ħamrija fl-UE u qed tiżviluppa **strateġiji għad-dekontaminazzjoni u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija** kif ukoll **mudelli għodda ta' negozju** għal ktajjen tal-valur li ma jagħmlux ħsara lill-ħamrija u newtrali għall-klima. Permezz tal-**appoġġ** tagħha **għas-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola**, il-Missjoni dwar il-Ħamrija tippromwovi għodod ta' monitoraġġ, rrapportar, u verifika kostkompetittivi għall-assorbimenti tal-karbonju fil-ħamrija.

**L-ewwel Laboratorji Ħajjin taħt il-Missjoni se jibdeu fl-2024** u se jirriżultaw f'aktar minn 200 sit ta' ttestjar għall-esperimentazzjoni lokali fiż-żoni urbani u rurali. Il-Missjoni qed tilħaq diversi udjenzi b'modi għodda, eż. billi tinvolvi industrij kulturali u kreattivi u tippromwovi l-Manifest tal-Missjoni<sup>25</sup>. B'ħarsa lil hinn mill-Ewropa, il-Missjoni saret **inizjattiva ewlenija għall-kooperazzjoni internazzjonali** mas-Sħubija Globali għall-Ħamrija<sup>26</sup>, l-inizjattiva Missjoni għall-Innovazzjoni fl-Agrikoltura għall-Klima<sup>27</sup>, jew ma' sħab internazzjonali tar-R&I bħall-Ġappun, l-Istati Uniti, il-Kanada u l-pajjiżi Afrikani.

---

20 Strateġija mill-Għalqa sal-Platt; Strateġija għall-Bijodiversità għall-2030; Strateġija dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima; Strateġija għall-Foresti għall-2030; Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero fl-arja, fl-ilma u fil-ħamrija; Pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika fl-UE; Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE; Strateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030; Komunikazzjoni dwar ċikli tal-karbonju sostenibbli; Komunikazzjoni dwar "Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel"; Komunikazzjoni dwar "L-iżgurar tad-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-fertilizzanti"; Qafas Leġiżlattiv għal Sistema tal-Unjoni tal-Ikel Sostenibbli (FSFS); Komunikazzjoni dwar l-Inizjattiva taç-ċittadini Ewropej (ICE) "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa! Lejn agrikoltura favur in-naħal għal ambjent b'saħħtu".

21 <https://www.cbe.europa.eu/>

22 <https://prima-med.org/>

23 [https://agriculture.ec.europa.eu/cap-my-country/cap-strategic-plans\\_en](https://agriculture.ec.europa.eu/cap-my-country/cap-strategic-plans_en)

24 <https://mission-soil-platform.ec.europa.eu/>

25 Sa nofs Ġunju 2023, il-Manifest kellu aktar minn 1 400 firmatarju, inklużi 100 istituzzjoni pubblika u privata.

26 <https://www.fao.org/global-soil-partnership/en/>

27 <https://www.aimforclimate.org/>

## 2.6. Valutazzjoni ġenerali tal-Missjonijiet tal-UE

Din is-subtaqsima tiġbor fil-qosor il-valutazzjoni mill-perspettiva tal-istrument tal-Missjoni bħala tali, billi tislet xi konklużjonijiet orizzontali mill-ħames Missjonijiet dwar l-aspetti meħtieġa mill-bażi ġuridika: proċess tal-għażla, governanza, baġit, fokus u progress sal-lum. Sa mill-bidu tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE wrew potenzjal ċar biex titħaffef il-bidla. Bl-għajjnuna tal-finanzjament ta' Orizzont Ewropa, il-Missjonijiet tal-UE kkollegaw u appoġġaw politiki u programmi madwar l-UE bl-involvement u bl-implimentazzjoni tal-pubbliku lokali. Il-valutazzjoni tikkonferma li l-Missjonijiet huma inizjattivi f'waqthom u ta' ispirazzjoni li jipprovdu imbutturatura ġdida għal prijoritajiet importanti tal-politika tal-UE u jgħinu biex l-isforzi tal-politika tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali jiġu allinjati lejn għanijiet komuni.

**Proċess tal-għażla:** Il-valutazzjoni ssib li l-proċess ta' żvilupp tal-Missjoni ta' sena shiħha offra opportunitajiet siewja lil esperti ewlenin u firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati biex jipparteċipaw fil-ħolqien konġunt ta' Missjonijiet, pereżempju permezz tal-involvement tagħhom fil-Bords tal-Missjonijiet u fil-panels taċ-ċittadini. Hija kkonfermat ukoll ir-rilevanza kontinwa tal-Oqsma tal-Missjoni u tal-Missjonijiet tal-UE nfushom.

**Governanza:** Kull Missjoni tinkludi mekkaniżmi ta' governanza fil-livell tal-UE. Il-governanza hija partikolarment importanti għal strument ġdid, u aktar u aktar għal wieħed ta' din il-kumplessità, li huwa maħsub biex ilaqqa' flimkien kostitwenti, livelli ta' gvern, dixxiplini xjentifiċi, u sorsi ta' finanzjament differenti. Dawn il-mekkaniżmi jinkludu korpi ddedikati ta' tmexxija u koordinazzjoni transsettorjali li jippermettu forom ġodda ta' kollaborazzjoni fis-servizzi tal-Kummissjoni u fil-livelli differenti ta' gvern. Il-Maniġers tal-Missjonijiet u l-Viċi Maniġers tal-Missjonijiet inħatru biex imexxu kull Missjoni bl-appoġġ tas-Segretarjati tal-Missjoni. Intgħażlu żewġ fażijiet ta' Bords tal-Missjoni biex jipprovdu pariri strateġiċi u għarfien espert strateġiku (waħda għall-fażi tad-disinn u waħda għall-implimentazzjoni). Kien hemm ukoll progress importanti fil-governanza fil-livell nazzjonali: diversi Stati Membri stabbilew taskforces interministerjali u gruppi simili nazzjonali biex jikkooperaw aħjar mal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni nazzjonali. L-Istati Membri mmobilizzaw ukoll programmi tal-UE taħt ġestjoni kondiviża b'appoġġ għall-Missjonijiet. Il-valutazzjoni sabet ukoll li l-governanza tal-Missjoni qed tkisser is-sajlos organizzazzjonali u qed tressaq organizzazzjonijiet differenti eqreb lejn xulxin sabiex jintlaħqu l-għanijiet komuni u marbuta biż-żmien.

**Baġit:** Saru investimenti importanti taħt il-programm Orizzont Ewropa biex jippermettu l-iżvilupp ta' għarfien u soluzzjonijiet innovattivi biex jgħinu biex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti mill-Missjonijiet tal-UE. Sa issa, il-Kummissjoni Ewropea għamlet disponibbli total ta' EUR 1,8 biljun f'żewġ programmi ta' ħidma sussegwenti (WPs 2021-2022 u WP 2023-2024), li jikkorrispondu għal 10 % tal-baġit tal-Pilastru 2 ta' Orizzont Ewropa għas-snin 2021-23. Il-Missjonijiet kollha mnexxielhom jiksbu xi livell ta' interess u impenji minn sorsi ta' finanzjament lil hinn minn Orizzont Ewropa, inkluż is-settur privat (l-aktar permezz tal-BEI).

**Fokus u progress sal-lum:** L-għadd kbir ta' inizjattivi ta' involvement taċ-ċittadini organizzati matul il-fażi preparatorja tad-disinn tal-Missjonijiet għenu biex tinbena s-sjeda tas-soċjetà u biex iħeġġu l-involvement wiesa' tal-komunitajiet rilevanti tal-partijiet

ikkonċernati. Il-valutazzjoni tissuġġerixxi li permezz ta' fokus strett fuq, u allinjament mill-qrib mal-politiki u l-istrateġiji tal-UE, il-Missjonijiet qed jikkontribwixxu għalihom b'mod utli. Lil hinn mil-livell tal-UE, il-Missjonijiet tal-UE rnexxielhom jgħbru komunitajiet kbar ta' partijiet ikkonċernati, inkluż billi jibnu u jinvolvu komunitajiet fil-livelli reġjonali u lokali. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tissuġġerixxi li l-Missjonijiet b'mod ġenerali qed jagħmlu progress f'konformità mal-pjanijiet ta' implimentazzjoni tagħhom u jidhru li jinsabu fit-triq it-tajba biex jilhqqu l-miri tagħhom għall-2030.

### 3. SFIDI U TITJIB PENDENTI

**Bħala strument ġdid, il-Missjonijiet jeħtieġu appoġġ politiku kif ukoll kontinwità u prevedibbiltà, iżda wkoll evalwazzjoni u titjib ġenwini.** Il-valutazzjoni tirrikonoxxi dawn il-limitazzjonijiet, u l-Kummissjoni hija impenjata li tindirizzahom, minħabba li l-wegħda inizjali tal-istrument tal-Missjonijiet baqgħet b'saħħitha, u l-ħames Missjonijiet juru sinjali li qed jaħdmu tajjeb. Ir-rakkomandazzjonijiet f'din it-taqsimha huma r-riżultat ta' riflessjoni fost is-servizzi tal-Kummissjoni, il-Presidenti tal-Bord tal-Missjoni u l-Maniġers tal-Missjonijiet.

**Minbarra l-kisbiet bikrija inkoraġġanti deskritti hawn fuq, il-Missjonijiet tal-UE qed jiffaċċjaw ukoll għadd ta' sfidi importanti.** Hemm diversi oqsma li fihom jista' jsir titjib, inkluż l-istruttura ta' governanza xi kultant diffiċli, l-ingranaġġ pjuttost limitat sa issa tal-finanzjament lil hinn minn Orizzont Ewropa, is-sinerġiji subottimali ma' strumenti oħra tal-UE, l-involviment baxx tas-settur privat, u l-isforzi ta' komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni għall-partijiet ikkonċernati u ċ-ċittadini. Il-Missjonijiet kollha ħadu passi biex jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet, iżda hemm bżonn ta' sforz addizzjonali – anke fuq livell orizzontali. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi se jsir aktar importanti hekk kif tkompli l-implimentazzjoni tal-Missjoni u l-fokus jimxi dejjem aktar fuq il-varar u l-impatt.

#### 3.1. Titjib fil-governanza u fid-direzzjoni politika

**Il-Missjonijiet tal-UE jeħtieġu tmexxija soda u sistema ta' governanza b'saħħitha biex ikunu effettivi.** Filwaqt li l-valutazzjoni wriet li s-sistema stabbilita għall-Missjonijiet tal-UE qed tippromwovi rabtiet bejn l-oqsma ta' politika u bejn l-organizzazzjonijiet, jistgħu jittejjbu għadd ta' funzjonijiet oħra ta' governanza. Is-sistema ta' governanza hija perċepita minn ħafna partijiet ikkonċernati bħala waħda diffiċli, kumplessa u nieqsa mit-trasparenza. Barra minn hekk, is-sistema ta' governanza għadha ma waslitx għal sistema ta' monitoraġġ koerenti u konsistenti għall-Missjonijiet, kemm individwalment kif ukoll bħala strument. Is-sistema ta' governanza hija ffukata ħafna fuq l-implimentazzjoni u bħalissa ma għandhiex spazju għal analiżi u riflessjoni dwar il-progress (in-nuqqas tiegħu) u għal aktar żvilupp tal-istrument u tal-politika. Is-sistema ta' governanza lanqas ma għandha biżżejjed lok għal diskussjonijiet politiċi ta' livell għoli dwar il-progress u għal orjentazzjoni mill-ġdid fejn meħtieġ.

**Hija meħtieġa governanza amministrattiva msaħħa u kkoordinata aħjar sabiex il-Missjonijiet ikunu jistgħu jkunu effettivi.** Dan it-tip ta' inizjattivi ambizzjużi u b'approċċ ta' gvern sħiħ bħall-Missjonijiet tal-UE jeħtieġu l-iżvilupp ta' sinerġiji fuq skala kbira u ta' politika trażversali fuq perjodi twal u fil-livelli kollha tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali sabiex jirnexxu. Pereżempju, il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-Missjonijiet fil-livell tal-UE u l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom jissaħħu

biex jiġi żgurat li l-isforzi tal-Missjonijiet jiġu varati kemm jista' jkun qrib iċ-ċittadini tal-UE. Huwa ċar ukoll li tmexxija politika msaħħa għandha taġixxi bħala sinjal ċar biex tiffaċilita l-aċċess għar-riżorsi (inkluż il-finanzjament) u azzjonijiet biex isir progress lejn l-oġettivi tal-Missjoni. Għalhekk, it-tmexxija tal-Missjonijiet tal-UE għandha tissaħħaħ aktar fil-livell amministrattiv.

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tistieden lill-atturi politiċi kollha involuti, inklużi l-Istati Membri, biex jinnominaw rappreżentanti ta' livell għoli biex jingħaqdu mal-Kummissarji responsabbli għall-Missjonijiet rispettivi tal-UE fil-promozzjoni ta' Missjonijiet lejn iċ-ċittadini, il-mobilizzazzjoni ta' fondi nazzjonali eċċ.*
- *Tintensifika d-diskussjonijiet, b'mod partikolari mal-Istati Membri, dwar kif għandha tiġi ssimplifikata l-governanza tal-Missjonijiet tal-UE biex din issir aktar effiċjenti, inklużiva u effettiva.*
- *Tinvesti b'mod sinifikanti fit-tisħiħ tal-funzjonijiet ta' appoġġ konġunt ("back office") għall-Missjonijiet kollha kurrenti u futuri tal-UE u biex tindirizza l-limitazzjonijiet identifikati f'din il-Komunikazzjoni.*
- *Tibda dibattitu annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Missjonijiet tal-UE fil-formazzjonijiet tematiċi tal-Kunsill u fil-komitati tal-Parlament Ewropew rilevanti għal kull Missjoni tal-UE.*

**3.2. Jiġi żgurat aktar koinvestment u koinvestment aħjar, inkluż mis-settur privat**  
**Jeħtieġ li jiġi mmobilizzat portafoll usa' ta' strumenti, bis-sejħiet ta' Orizzont Ewropa jservu biss bħala finanzjament tal-bidu u orkestraturi aktar milli l-istrumenti prinċipali tal-varar.** L-approċċ integrat għall-Missjonijiet jeħtieġ sjieda konġunta b'saħħitha fil-Kummissjoni u fl-Unjoni kollha, li tinvolvi lill-atturi u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż fl-użu tal-istrumenti ta' finanzjament tagħhom, peress li l-Missjonijiet jeħtieġ li jkopru l-katina sħiħa tal-innovazzjoni mil-laboratorju sal-varar fuq skala kbira. In-natura interdixxiplinarja tal-mekkaniżmi ta' governanza toffri ħafna opportunitajiet għall-bini ta' sinerġiji bejn il-Missjonijiet tal-UE u partijiet oħra ta' Orizzont Ewropa, il-Missjonijiet tal-UE u strumenti oħra tal-UE u l-Missjonijiet tal-UE u l-politiki u l-programmi ta' finanzjament nazzjonali, reġjonali u lokali. L-evidenza miġbura f'din il-valutazzjoni turi li dawn l-opportunitajiet għadhom ma ġewx sfruttati bis-sħiħ.

**L-ipprogrammar tal-finanzjament tal-UE tal-Istati Membri jeħtieġ li jiġi allinjat aktar mill-qrib mal-Missjonijiet tal-UE.** Dan huwa element integrali fil-bini tas-sinerġija, pereżempju billi jsir użu aktar sistematiku mill-politika ta' Koeżjoni għall-Missjonijiet tal-UE. Għalhekk, id-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament biex jappoġġaw sensiela ta' attivitajiet mir-riċerka sal-varar hija sfida ewlenija oħra. Għal dan il-għan, għandhom jiġu stabbiliti kuntatti mill-qrib ħafna bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' ġestjoni u ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri.

**L-implimentazzjoni tal-Missjonijiet tal-UE sa issa hija primarjament iffinanzjata minn Orizzont Ewropa u minn sorsi oħra ta' finanzjament pubbliku.** Madankollu, biex jinkiseb impatt sħiħ sal-2030, dawn il-fondi jeħtieġ li jiġu kkomplementati b'investimenti

sinifikanti mis-settur privat u mill-organizzazzjonijiet filantropiċi biex jiġu żgurati l-varar u r-replikazzjoni tas-soluzzjonijiet fuq skala kbira. Filwaqt li qed isiru sforzi f'din id-direzzjoni, il-livell ta' investiment u ta' involviment ta' dawn l-atturi għandu jingħata spinta.

**Iż-żieda fil-kooperazzjoni mal-BEI hija kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Missjonijiet tal-UE.** Matul l-istadji preparatorji u ta' implimentazzjoni tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE kienu qed jaħdmu mill-qrib mal-BEI, li pprova servizzi ta' konsulenza biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-aġendi ta' investiment tal-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni tal-Missjonijiet. Din il-kollaborazzjoni għandha tiżdied, b'mod partikolari meta jitqies l-allinjament qawwi ta' diversi għanijiet tal-Missjonijiet u l-oġettivi tal-BEI.

**Hemm bżonn ta' aktar sforz biex jiżdied l-interess tas-settur privat fl-attivitajiet tal-Missjonijiet tal-UE.** L-użu ta' strumenti innovattivi mfassla għas-settur privat, bħall-akkwist pubbliku tal-innovazzjoni, għadu ma ġiex esplorat bis-siġh. Barra minn hekk, l-esperjenza wriet li l-involviment mas-Sħubijiet Ewropej, u b'mod partikolari dawk b'involviment qawwi tal-industrija, huma modi effettivi biex jiżdied l-interess tal-industrija fil-prijoritajiet tal-politika tal-UE u kif dawn jistgħu jikkontribwixxu għalihom. Diġà tnedew sejħiet konġunti bejn il-Missjonijiet tal-UE u xi wħud mis-Sħubijiet Ewropej ipprogrammati b'mod konġunt. It-tnedija ta' sejħiet orjentati lejn il-Missjonijiet u marbuta mal-Missjonijiet fil-qafas ta' Sħubijiet Ewropej eżistenti u futuri tiftaħ aktar opportunitajiet għall-involviment mal-industrija. Dan se jkun ikkomplementat minn djalogu strutturat ma' gruppi ta' interess prinċipali kemm tal-industrija kif ukoll tal-organizzazzjonijiet filantropiċi.

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tintensifika l-ħidma fuq il-bini u l-ġestjoni tal-portafoll tal-Missjonijiet tal-UE biex tipprova lill-Maniġers tal-Missjonijiet b'għodod intelliġenti ta' monitoraġġ u ta' intervent.*
- *Timmobilizza portafoll usa' ta' strumenti, inklużi sħubijiet pubbliċi-privati u l-akkwist pubbliku tal-innovazzjoni.*
- *Tintensifika d-diskussjonijiet dwar l-allinjament tal-ipprogrammar tal-finanzjament tal-UE tal-Istati Membri mal-Missjonijiet tal-UE.*
- *Tistieden rakkomandazzjonijiet u pariri dwar kif jista' jiżdied l-involviment tas-settur privat fil-Missjonijiet tal-UE u l-kontribut għalihom.*

### **3.3. It-tisħiħ tal-involviment taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati**

**L-ilħuq tal-għanijiet ta' Missjonijiet individwali tal-UE (u b'mod ġenerali l-ambizzjonijiet tal-UE) fl-aħħar mill-aħħar se jiddependi fuq l-appoġġ pubbliku wiesa' u l-aċċettazzjoni tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali meħtieġa.** Filwaqt li l-involviment tal-partijiet ikkonċernati involuti direttament fil-Missjonijiet kien pjuttost effettiv, għad hemm lok għal aktar inċentivar ta' sensibilizzazzjoni usa' fost il-pubbliku ġenerali u l-involviment dirett tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali, u b'hekk iżommu l-wegħda u l-potenzjal tal-Missjonijiet. Huma meħtieġa sforzi addizzjonali biex titqajjem kuxjenza dwar l-għanijiet u l-impatt tal-Missjonijiet, biex jissaħħu l-mekkaniżmi ta' feedback

tal-partijiet ikkonċernati u biex tiżdied il-viżibbiltà tal-Missjonijiet u l-azzjonijiet konkreti tagħhom fil-prattika. Għal dan il-għan, l-isforzi ta' komunikazzjoni jeħtieġ li jiżdiedu b' mod sinifikanti lejn gruppi ta' partijiet ikkonċernati rilevanti u ċittadini individwali.

**Għad hemm nuqqas ta' għarfien fost il-pubbliku dwar il-benefiċċji u l-potenzjal tal-Missjonijiet tal-UE bħala strument.** Dan minkejja s-suċċess relattiv ta' Missjonijiet individwali tal-UE, li kienu attivi fil-komunikazzjoni u fis-sensibilizzazzjoni u fl-involvement ta' komunitajiet ta' partijiet ikkonċernati affettwati. Il-viżibbiltà tal-marka għall-Missjonijiet bħala strument tiffaċilita l-involvement ta' dawk individwali. L-involvement attiv u kontinwu tal-Parlament Ewropew, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u tal-Kumitat tar-Reġjuni huwa kruċjali wkoll biex jiżdied l-għarfien pubbliku u jiġu mmobilizzati ċ-ċittadini.

**Il-Kummissjoni se żżid l-użu ta' azzjonijiet immirati biex tappoġġa b' mod konġunt il-Missjonijiet, inkluż dwar is-sensibilizzazzjoni u l-komunikazzjoni.** Se ssaħħaħ ukoll is-sistema ta' monitoraġġ għall-valutazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Missjonijiet tal-UE b' mod aktar kwantitattiv u aktar faċli biex jinftiehem. Se tħejji wkoll parir ta' politika dwar il-futur tal-Missjonijiet tal-UE, inkluż dwar strateġiji ta' tranżizzjoni lejn il-baġit fit-tul tal-UE li jmiss. L-esperjenza tal-valutazzjoni kurrenti, *de facto* kmieni ħafna matul il-ħajja tal-Missjonijiet, uriet l-importanza ta' ħarsa ġenerali kontinwa tal-parametri ta' implimentazzjoni. Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tipproduċi rapport ta' valutazzjoni ulterjuri dwar l-implimentazzjoni tal-Missjonijiet tal-UE fl-2025 biex tqis il-progress, tivvaluta l-adegwatezza tal-finanzjament, tidentifika l-kisbiet għat-tixrid futur u tirreplika soluzzjonijiet innovattivi li jkunu ġejjin mill-Missjonijiet.

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tinvolvi ruħha ulterjorment mal-professjonisti tal-komunikazzjoni fir-rigward ta' strateġija għal approċċ aktar ibbażat fuq iċ-ċittadini għall-Missjonijiet tal-UE.*
- *Twettaq azzjonijiet immirati biex tappoġġa l-isforzi ta' komunikazzjoni lokali u nazzjonali biex tagħti spinta lill-involvement taċ-ċittadini u tqajjem kuxjenza pubblika dwar il-Missjonijiet tal-UE.*
- *Tippubblica rapport ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Missjonijiet tal-UE fl-2025.*
- *Torganizza dibattitu pubbliku dwar ir-rapporti ta' implimentazzjoni biex jittieħdu tagħlimiet, tiddiskuti l-progress, u tikkomunika l-kisbiet tal-Missjonijiet tal-UE.*

#### **4. IMBUTTATURA ĠDIDA**

Il-ħames Missjonijiet kurrenti tal-UE kisbu firxa sostanzjali fil-prattika u se jaħdmu aktar biex jikkonsolidaw u jindirizzaw l-isfidi li fadal. Madankollu, il-valutazzjoni enfasizzat ukoll l-oportunità li jiġi estiż il-portafoll tal-Missjonijiet, u l-ħtieġa li jiġi affermat mill-ġdid l-appoġġ politiku u finanzjarju għall-istrument.

##### **4.1. It-tnedija ta' Missjoni ġdida tal-UE dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida**

**Aktar minn sentejn wara t-tnedija tagħha, l-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB)<sup>28</sup> għamlet progress sinifikanti fl-għan tagħha li tgħaqqad il-Patt Ekoloġiku Ewropew mal-ispazji u l-esperjenzi tal-għajxien tagħna.** Għandha l-Komunità tagħha stess ta' aktar minn 1 000 membru attivi madwar l-Ewropa u lil hinn minnha, grupp konsultattiv magħmul minn persuni stmati fid-dinja tal-arkitettura, tal-kultura, tad-disinn, u tas-sostenibbiltà. U qed tispira proġetti u inizjattivi minn isfel għal fuq li jittestjaw u juru ideat u azzjonijiet tal-NEB.

**Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida diġà għandha diversi karatteristiċi komuni għall-Missjonijiet tal-UE.** L-eżerċizzju ta' valutazzjoni kurrenti u l-isfidi li identifika, kif ukoll ir-riflessjonijiet fil-komunità tal-NEB u s-sejthiet mill-Parlament Ewropew<sup>29</sup> jindikaw li issa huwa xieraq li l-inizjattiva tal-NEB tikkonsolida l-progress tagħha, li tikkonsolida l-fokus u l-għeruw tagħha fir-R&I, u li tikseb il-fokus fil-forma ta' Missjoni ddedikata ġdida tal-UE.

**It-tnedija ta' Missjoni ddedikata tal-NEB se ssegwi l-istess proċess bħall-ewwel ħamsa.** Dan jinkludi l-ħatra ta' Bord tal-Missjoni, u l-abbozzar ta' Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Missjoni, li t-tnejn li huma se jgħinu fid-definizzjoni tal-miri u l-istadji importanti eżatti tal-Missjoni, kif kien il-każ għall-ewwel ħamsa. Dan iqis il-kisbiet u l-potenzjal tal-inizjattiva tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida sa issa, kif ukoll il-valutazzjoni tal-Missjonijiet tal-UE.

**Il-Missjoni l-ġdida tikkomplementa u tmexxi 'l quddiem il-ħidma tal-Missjonijiet eżistenti.** Pereżempju, il-Missjonijiet dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u dwar il-Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti jaraw potenzjal għal aktar sinerġiji fi strumenti ta' finanzjament differenti u aktar investiment mis-settur privat. Din tista' tikkomplementa wkoll dawn iż-żewġ Missjonijiet billi tiegħu approċċ olistiku u aktar fil-fond għall-ambjent mibni. Pereżempju, billi jiġi esplorat, permezz tar-R&I, kif il-viċinati jistgħu jsiru bjar ta' karbonju, jiġu integrati f'ekosistema ċirkolari, isiru aktar reżiljenti għat-tibdil fil-klima, u jitħallew jagħtu riżorsi lura lin-natura permezz ta' disinn riġenerattiv. L-NEB għandha wkoll dimensjoni ta' innovazzjoni soċjali b'saħħitha, peress li trawwem l-iżvilupp ta' approċċi innovattivi ta' governanza u ta' tfassil tal-politika biex tiżdied il-flessibbiltà, il-veloċità u ċ-ċirkolarità tal-flussi tat-teħid tad-deċiżjonijiet meta mqabbla mal-proċessi klassiċi. Fl-ambitu tagħha, il-Missjoni tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida tiżgura sinerġiji ta' komplementarjetajiet ma' inizjattivi rilevanti bħas-Sħubija Built4People. Il-Missjoni tal-NEB tinvolvi lin-nies biex tinbena aċċettazzjoni soċjali akbar għall-politiki tal-Patt Ekoloġiku, tippromwovi s-sjeda soċjali ta' soluzzjonijiet ekoloġiċi u tinkoraġġixxi bidliet fl-imgħiba meħtieġa biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku. Dan isir billi ssir enfasi fuq is-sostenibbiltà flimkien ma' kriterji oħra, inklużi l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u l-kwalità tal-esperjenza pprovduta.

**Il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida diġà żviluppat sinerġiji bejn l-investimenti fir-R&I, strumenti oħra ta' finanzjament<sup>30</sup> u l-investiment mis-settur privat.** Is-27 Stat Membru kollha impenjaw ruħhom għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida f'aktar minn 220 programm tal-

---

28 [https://new-european-bauhaus.europa.eu/index\\_en](https://new-european-bauhaus.europa.eu/index_en)

29 [https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2022-0213\\_MT.html](https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/A-9-2022-0213_MT.html)

30 Orizzont Ewropa, Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, LIFE, Ewropa Diġitali, Programm tas-Suq Uniku, COSME, Erasmus+, Ewropa Kreattiva, Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

politika ta' koeżjoni. Issa għandha potenzjal konsiderevoli għal applikazzjoni fuq skala akbar u aktar varar ta' soluzzjonijiet innovattivi fil-livell lokali u reġjonali. Il-Bank Ewropew tal-Investment huwa involut ukoll bl-għan li jiżviluppa linji gwida dwar l-investment għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida biex jgħin lin-negozji ġodda u lill-promoturi tal-proġetti. Fl-2023, żewġ sfidi tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni qed jikkontribwixxu għat-twettiq tal-NEB. Mill-2021, l-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija qed jimmobilizza ħames Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni u n-networks rispettivi tagħhom fin-negozju, fl-edukazzjoni, u fir-riċerka permezz tal-inizjattiva tal-Komunità tal-EIT, il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida. Il-Missjoni tal-UE hija l-għodda xierqa biex jissaħħu sinerġiji bħal dawn, tiżdied l-iskala u jiġi żgurati impatt massimu.

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tipproponi Missjoni ġdida tal-UE ddedikata għall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida.*
- *Tibda t-tħejjijiet għall-espansjoni tagħha, inkluż l-istabbiliment ta' Bord tal-Missjoni u l-abbozzar ta' Pjan ta' Implimentazzjoni tal-Missjoni.*

#### **4.2. L-affermazzjoni mill-ġdid tal-appoġġ politiku u finanzjarju**

**Minħabba l-ambizzjoni tagħhom, il-Missjonijiet tal-UE jeħtieġu sforz sostnut u kontinwament ikkoordinat fuq perjodu ta' aktar minn 10 snin.** Filwaqt li għadhom fi stadju bikri tal-implimentazzjoni, il-Missjonijiet tal-UE rċevew attenzjoni u appoġġ sinifikanti mill-Istituzzjonijiet tal-UE, mill-Istati Membri, mill-awtoritajiet reġjonali u lokali, u minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati. Dan il-momentum jeħtieġ li jiġi appoġġat ulterjorment biex jiġi żgurati li l-Missjonijiet tal-UE jilhqqu l-għanijiet tagħhom fit-tul.

**Sabiex il-Missjonijiet tal-UE jwettqu bis-sħiħ il-wegħda tagħhom, dawn jeħtieġu impenn ċar rigward appoġġ finanzjarju kontinwu f'Orizzont Ewropa matul il-baġit kurrenti fit-tul tal-UE.** Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li l-appoġġ ta' Orizzont Ewropa għall-Missjonijiet tal-UE għal wara l-2023 għandu jiġi stabbilit f'livell ta' 11 % tal-Pilastru 2<sup>31</sup>. Dan il-finanzjament se jiggarrantixxi l-kontinwità u jgħin biex jinżamm il-pass tal-implimentazzjoni fil-Missjonijiet eżistenti. Fl-istess ħin, se jinċentivahom biex jisfruttaw sorsi ta' finanzjament lil hinn minn Orizzont Ewropa, filwaqt li jakkomoda wkoll għat-tnedija ta' Missjoni ġdida.

*Il-Kummissjoni se:*

- *Tafferma mill-ġdid l-impenn politiku u l-appoġġ tagħha għall-Missjonijiet tal-UE.*
- *Iżżomm il-Missjonijiet tal-UE bħala inizjattivi ewlenin tal-implimentazzjoni ta' Orizzont Ewropa u strumenti oħra tal-Unjoni.*
- *Tipproponi baġit ta' Orizzont Ewropa għall-Missjonijiet tal-UE ta' 11 % tal-Pilastru 2 sal-2027.*

---

31 Id-distribuzzjoni tal-kontribuzzjoni fost ir-raggruppamenti differenti tal-Pilastru 2 se tkun differenzjata bejn ir-raggruppamenti, li tirrifletti l-oġettivi tal-Missjonijiet u r-rabta tagħhom mar-raggruppament partikolari. Dan mhux se jimmina l-appoġġ għall-adozzjoni u ż-żieda fl-iżvilupp u l-manifattura ta' teknoloġiji strateġiċi fl-Unjoni, kif stabbilit fil-politika industrijali tal-UE u fil-proposta tal-Kummissjoni għal rieżami tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

## 5. KONKLUŻJONI

L-esperjenza b'sentejn ta' implimentazzjoni ta' ħames Missjonijiet tal-UE kkonfermat li l-approċċ ibbażat fuq il-missjoni b'ħala strument ta' Orizzont Ewropa jinċentiva l-involvement ta' komunitajiet wiesgħa u entużjasti ta' partijiet ikkonċernati. Permezz tal-kapaċità tiegħu li jippromwovi l-esperimentazzjoni, il-koordinazzjoni u l-iskalar tal-varar, l-istrument tal-Missjoni tal-UE jista' jkollu rwol ċentrali fit-tranżizzjonijiet soċjetali meħtieġa f'diversi oqsma.

Abbażi tal-valutazzjoni u tal-analiżi tal-Missjonijiet tal-UE spjegati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, din il-Komunikazzjoni tikkonkludi li l-implimentazzjoni tal-ħames Missjonijiet kurrenti għandha titkompla, u l-appoġġ għandu jiżdied, kemm politikament kif ukoll finanzjarjament. Missjoni ġdida dwar l-NEB se tikkomplementa u ssaħħaħ il-Missjonijiet kurrenti, u se tiftaħ possibbiltajiet ġodda biex iġġib benefiċċji tanġibbli fir-R&I għall-Ewropa.

Madankollu, l-esperjenza wriet ukoll li biex jinkiseb il-potenzjal sħiħ tiegħu, l-istrument tal-Missjoni jeħtieġ li jindirizza ftit sfidi li fadal, b'mod partikolari fir-rigward tal-għarfien pubbliku, il-governanza u l-kapaċità tiegħu li jisfrutta sorsi oħra ta' finanzjament, inkluż il-finanzjament privat. L-azzjonijiet ifformulati f'din il-Komunikazzjoni għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfidi li għadhom qed jiffaċċjaw il-Missjonijiet tal-UE, f'ħolqien konġunt mal-istituzzjonijiet kollha tal-UE, mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati minn madwar l-UE, biex din l-ġhodda trasformattiva ssir suċċess veru.